**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq il-Profs. Ġużè Aquilina
Il-Munxar MXR1012

**1.00 Laqgħa Numru 05/15(23_07_15).**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta' nhar il-Ħamis, 23 ta' Lulju 2015, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fil-5.30 ta' filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku.
Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku.
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier.
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier.
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier.

Is-Sur Mark Busuttil - *Chairperson*, Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

1.04 Il-Kunsill segwa l-Aġenda li ntbagħtet fis-16 ta' Lulju 2015.

1. Minuti.
2. Korrispondenza.
3. Ilmenti.
4. Approvazzjoni tal-Kontijiet.
5. Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.
6. Rapport tas-Sindku.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera.
9. Materji oħra.

1.05 Il-Minuti taż-żewġ laqgħat preċidenti ttieħdu bħala moqrija u ġew iffirmati.

**2.00 Korrispondenza.**

2.01 Il-Kunsill irċieva Memo 14/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Infiq fuq Servizzi Professjonali - 2014'.

2.02 Il-Kunsill irċieva Memo 15/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Aġġornamenti tal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali'.

2.03 Il-Kunsill irċieva Memo 16/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku (*Electronic Public Procurement System – EPPS*) *www.etenders.gov.mt*'.

2.04 Il-Kunsill irċieva Memo 17/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'Ġbir ta' Skart Separat'.

2.05 Il-Kunsill irċieva Memo 18/2015 mingħand id-Direttur, Gvern Lokali li hija rigward 'L-Att dwar ir-Responsabbiltà Fiskali (Kap 534)'.

2.06 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand il-WasteServ Malta Ltd rigward 'WasteServ – European Week for Waste Reduction (EWWR) – meeting'. Il-EWWR ta' din is-sena ser issir bejn il-21 u d-29 ta' Novembru 2015, bit-tema 'Dematerialisation'.

2.07 Il-Kunsill irċieva invit mingħand il-Gozo Action Group Foundation għas-*seminar* 'Network of Transnational Eno-gastronomic itineraries for the promotion of the Mediterranean cultural-food model', fl-20 ta' Lulju 2015 fil-Grand Hotel, Għajnsielem.

2.08 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand id-Direttorat għat-Tagħlim Tul il-Ħajja u Studenti li Jħallu l-Iskola Kmieni, Direttorat għal Servizzi Edukattivi fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol rigward il-'Lifelong Learning Courses 2015-2016'.

2.09 Il-Kunsill irċieva mingħand il-MEPA l-lista ta' applikazzjonijiet għal Permess ta' Żvilupp fil-lokalità, datata 22 ta' Lulju 2015, sabiex il-Kunsill ikun jista' jibgħat il-kummenti tiegħu.

**3.00 Ilmenti.**

3.01 Il-Kunsill irċieva informazzjoni dwar skema ta' fondi 'Art in Public Spaces Programme 2016-18'. L-għan ta' din l-iskema huwa li tippromovi l-artisti fil-komunità. Kull proġett propost ma jistax jeċċedi t-€30,000.

3.02 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand resident ta' Triq il-Munxar rigward il-proposta għall-iżvilupp PA/01862/15 viċin Ġnien Ragalna. Kienet saret laqgħa l-Kunsill mar-residenti li ser jiġu affettwati minn dan l-iżvilupp u ġiet spjegata l-ħidma li saret min-naħa tal-Kunsill.

3.03 Il-Kunsill irċieva talba mingħand sid ta' proprjetà fi Triq il-Puniċi sabiex titranġa rampa quddiem *garage*. Din it-talba ser tiġi inkluża fil-programm ta' xogħlijiet.

3.04 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-JP2 Foundation fejn qed jipproponu li jġibu l-grupp 'Celebrants' biex jagħtu *show* fix-Xlendi fl-okkażjoni tal-festa liturġika tal-Madonna tal-Karmnu. Il-ħlas tat-trasport ser ikun €155.45. Kien hemm qbil.

3.05 Il-Kunsill irċieva *e-mail* mingħand sid ta' *farmhouse* fi Triq il-Munxar, Il-Munxar. Qed tilmenta dwar il-problema ta' *parking*, *pots* fit-triq u trabijiet fl-art. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv talbu laqgħa mal-persuna li qed toħloq dan l-inkonvenjent u aċċetta li jnaddaf u jneħħi l-*pots*.

3.06 Il-Kunsill irċieva mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali l-lista ta' punti li tqajmu mill-Kunsill fil-laqgħa tal-Kabinett li saret f'Għawdex. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qiegħed jitlob aġġornament jew kummenti dwar kull każ imsemmi.

3.07 Il-Kunsill irċieva żewġ ritratti dwar karrijiet li ġew impoġġija fix-Xlendi. Karru minnhom qed fi *plot* privata u l-karru l-ieħor li kien fit-triq ġie mneħħi.

3.08 Il-Kunsill irċieva Memo 16/2015 rigward 'Migrazzjoni għall-Akkwist Elettroniku'. Ser isiru korsijiet sabiex il-Kunsilli jkunu ppreparati għal din it-transizzjoni. Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali qed jenfasizza l-importanza ta' dan il-kors u għalhekk qed jiġbed l-attenzjoni li dan il-kors huwa obligatorju u kemm-il darba ħadd mill-Kunsill ma jattendi, il-Kunsill Lokali ma jkunx jista' jiġi ggwidat dwar din is-sistema.

3.09 Il-Kunsill irċieva talba għal permess sabiex isir *bin on wheels* fil-*Parking* tax-Xlendi. Fil-fatt, dan il-*bin on wheels* ilu li tpoġġa mingħajr permess u barra li hemm diversi lmenti l-Kunsill qatt ma ħareġ permessi bħal dawn.

3.10 Il-Kunsill irċieva talba mingħand Talija Catering Ltd rigward l-Isnack *Bar* u *Restaurant* ta' Triq ir-Rabat sabiex ipoġġi mwejjed u siġġijiet fuq il-bankina. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni b'dawn il-kundizzjonijiet:

- L-*area* fejn se jitpoġġew l-imwejjed tkun quddiem il-proprjetà tal-applikant.
- Għandu jitħalla passaġġ ta' 1.5m għall-pubbliku biex ikun jista' jgħaddi.
- Il-passaġġ li jitħalla għall-pubbliku ma jkollux tinda fuqu.

3.11 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-proprjetarju ta' Pirate's Galley tax-Xlendi sabiex iqiegħed imwejjed u siġġijiet quddiem il-proprjetà tiegħu. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni b'dawn il-kundizzjonijiet:

- L-*area* fejn se jitpoġġew l-imwejjed tkun quddiem il-proprjetà tal-applikant.
- Għandu jitħalla passaġġ ta' 1.5m għall-pubbliku biex ikun jista' jgħaddi.
- Il-passaġġ li jitħalla għall-pubbliku ma jkollux tinda fuqu.

3.12 Il-Kunsill irċieva kopja ta' ittra li l-Koperattiva Għawdxija tal-Indafa Pubblika Limitata bagħtet lill-Kumpanija Green MT dwar ħlasijiet pendenti għal servizzi li jsiru għall-Kunsilli Għawdxin. Il-Kunsill ġie infurmat mill-Kumpanija Green MT li waslu għal ftehim.

3.13 Il-Kunsill irċieva ittra mingħand sid ta' proprjetà ta' Triq ir-Rumani, Ix-Xlendi. Huwa qed jiġbed l-attenzjoni dwar lampi maħruqa u t-tkomplija tal-bankina. Il-lampi ġew irrapportati lill-kuntrattur filwaqt li l-bankina ser issir mir-Roads Department.

3.14 Il-Kunsill irċieva talba mingħand il-Munxar Falcons FC sabiex itella' attività fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina. Din ser tkun tikkonsisti f'Bar-B-Q, tombla, żfin u kant minn talent lokali. Qed jitolbu wkoll li l-Kunsill iħallas għal *duo-band* jew *solo-artist* sabiex iseddaq l-atmosfera waqt l-ikel. Il-Kunsill ser jagħti l-permess biex is-serata ssir fi Ġnien il-Professur Ġużè Aquilina, iżda ma huwiex f'pożizzjoni li jħallas għall-*entertainment* peress li din titqies bħala donazzjoni.

**4.00 Approvazzjoni tal-Kontijiet.**

4.01 Il-Kunsill approva l-iskeda ta' pagamenti numru 05/15(23_07_15).

## 5.00 Xogħlijiet li qed isiru fil-Lokalità.

5.01 Is-Sindku bdiet tagħti rendikont tax-xogħlijiet li saru mill-aħħar laqgħa sa issa fil-Bajja tax-Xlendi:

- Għalkemm il-bnadar għadhom ma twaħħlux mal-arbli, qed ikun irrakkomandat li l-arbli jinqalgħu minn posthom u jitpoġġew fuq il-bankina.
- Saru *stickers* ma' *litterbins* sabiex ma jpoġġux żibel mal-*bins* u *stickers* minħabba l-ħmieġ tal-klieb.
- Tħawlu pjanti fil-qsari u tpoġġew *pots* bil-fjuri quddiem iż-żewġ latrini tax-Xlendi.
- Fix-Xlendi saret żabra tal-bruk u qtugħ ta' ħaxix ħażin.
- Inbiddlu t-tabelli tax-Xlendi u twaħħlu l-*fairy lights* fil-passaġġ tax-xtajta u fi Triq ir-Rabat, Ix-Xlendi.
- Saret laqgħa u *site inspection* mal-Perit Ivana Farrugia dwar ir-restawr tal-istatwa ta' Sant'Indrija. L-istatwa tniżżlet u sar pedestall bil-qatran minn taħt. L-istatwa kellha aktar ħsara milli kien maħsub. Ser jitwaħħal il-fanal.
- Is-Sindku attendiet għal-laqgħa fil-Ministeru għal Għawdex dwar it-tindif tal-iskall. Inbdiet il-proċedura mill-Fisheries Department sabiex jitpoġġew in-numri tad-dgħajjes u wara jitwaħħlu *stickers* biex ineħħu l-opri tal-baħar wara li jiskadi ż-żmien.
- Saret laqgħa mal-Inġinier Muscat dwar titjib fid-dawl tax-Xlendi. Qed ikun propost li jiżdiedu *floodlights* fil-*Parking* tax-Xlendi u jsir fanal qabel jibda t-taraġ li jagħti għall-Għar ta' Karolina. Ser jitwaħħlu żewġ fanali fi Triq San Xmun. Qed ikun studjat ukoll kif jista' jsir xi dawl fl-għar tas-sajjieda.
- Il-ħaddiema tax-Xlendi żdiedu sabiex jgħinu lill-*beach cleaners* u lill-kenniesa.
- Saru diversi laqgħat fosthom mal-Avukat Scerri dwar il-Mitħna Sotterranja u mal-Ministru għal Għawdex dwar *skips* fil-*Parking* tax-Xlendi fejn ġie deċiż li l-iskips jitpoġġew f'kantuniera n-naħa tal-qasab.
- Saret laqgħa mas-Sur Salvu Mallia dwar *feature* fuq Ix-Xlendi. F'din il-laqgħa kienu preżenti ċ-*Chairperson* tal-Kumitat u s-Segretarju Eżekuttiv. F'dan il-*feature* ser jinkludi l-Mitħna, mixja, it-Torri u *diving*.
- Fix-Xlendi saret serata bi *group gospel* fejn ġiet amalgamata mal-festa liturġika tal-Madonna tal-Karmnu. Il-Kunsill/Kumitat ser iħallas €155.45.
- Sar kuntratt mal-Ministeru għal Għawdex rigward il-Fjakkolata li ser issir kull nhar ta' Sibt fix-Xlendi mill-4 ta' Lulju 2015 sad-19 ta' Settembru 2015. Il-Kunsill/Kumitat ser jingħata s-somma ta' €2,000.
- Is-Sindku qiegħda f'kuntatt mal-Gozo Sports Board rigward Skola tal-Għawm fix-Xlendi. Il-kors ser ikun jikkonsisti f'sitt sessjonijiet għal tfal ta' bejn is-6 snin u t-12-il sena.
- Il-membri tal-Kumitat Amministrattiv Ix-Xlendi nstabu, li huma s-Sur Saviour Xiberras u s-Sur Patrick Grima.
- Saret żjara fl-Iskola Ta' Sannat sabiex naraw il-faċilitajiet li saru f'din l-iskola dan l-aħħar.

Peress li kienu saru t-8.30 ta’ filgħaxija ġie deċiż li l-laqgħa tiġi aġġornata sabiex titkompla nhar l-Erbgħa, 29 ta’ Lulju 2015, fil-5.30 ta’ filgħaxija bl-istess Aġenda.

**Carmen Said**
***Sindku.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***